REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/659

tat-2 ta' Diċembru 2022

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 452/2014 fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' operaturi ta' pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 61(1)(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 ([2]) jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-awtorizzazzjonijiet li l-operaturi tal-ajru minn pajjiżi terzi involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru jridu jiksbu jekk jixtiequ joperaw fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu.

(2) Skont l-Artikolu 61(2)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1139, il-proċess li permezz tiegħu l-awtorizzazzjonijiet għall-operat ta' inġenji tal-ajru fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattati minn operatur tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiż terz, fi ħdanu jew 'il barra minnu, irid ikun sempliċi, proporzjonat, effettiv u kosteffiċjenti u jrid jippermetti dimostrazzjonijiet ta' konformità li jkunu proporzjonati għall-kumplessità tal-operat u għar-riskju involut f'dak l-operat.

(3) Valutazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 452/2014 imwettqa mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") identifikat bosta titjib potenzjali, li jkopri erba' oqsma ewlenin: l-effiċjenza, l-infurzar, il-flessibbiltà u l-konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għalhekk jeħtieġ li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 452/2014 biex jinkorporaw it-titjib identifikat.

(4) B'mod partikolari, jeħtieġ li titneħħa l-possibbiltà għall-operaturi ta' pajjiżi terzi li jużaw miżuri ta' mitigazzjoni biex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards rilevanti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO). Il-konformità ma' dawk l-istandards jeħtieġ li tinkiseb qabel ma tinħareġ awtorizzazzjoni ta' TCO u kwalunkwe ħtieġa għal flessibbiltà għandha tiġi indirizzata permezz ta' proċedura stabbilita fl-Artikolu 76(4) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15).

(5) Jeħtieġ ukoll li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet li jippermettu, f'ċerti kundizzjonijiet, lill-operaturi ta' pajjiżi terzi jwettqu ċerti titjiriet fit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu, mingħajr ma l-ewwel jiksbu awtorizzazzjoni, sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali u tittejjeb l-effiċjenza.

(6) Bl-istess mod, huwa meħtieġ li tittejjeb l-effiċjenza tal-proċess ta' awtorizzazzjoni u ta' sorveljanza ta' operaturi ta' pajjiżi terzi u li tiżdied iċ-ċertezza legali, b'mod partikolari billi jiġu eliminati ċerti xkiel għad-diġitalizzazzjoni tal-proċess, billi jiġu ċċarati iktar ċerti aspetti relatati mal-validità tal-awtorizzazzjonijiet ta' operaturi ta' pajjiżi terzi, kif ukoll ċerti passi proċedurali tal-proċess meħuda mill-Aġenzija.

(7) Sabiex jitrawwem approċċ ibbażat fuq ir-riskju fil-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' pajjiżi terzi, jeħtieġ li jitqiesu d-daqs, l-ambitu u l-kumplessità tal-operati rilevanti biex tittejjeb il-konsistenza. Fl-istess ħin, jeħtieġ ukoll li jiżdiedu l-mezzi ta' sorveljanza u ta' infurzar għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija, speċifikament billi tiġi permessa is-sorveljanza intensifikata ta' ċerti operaturi ta' pajjiżi terzi u billi jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet relatati mal-ħruġ tas-sejbiet, kif ukoll is-sospensjoni u r-revoka tal-awtorizzazzjonijiet ta' operaturi ta' pajjiżi terzi.

(8) Bl-istess mod jeħtieġ li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 452/2014 biex tittejjeb il-konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 b'mod partikolari billi jiġu ċċarati iktar il-kundizzjonijiet u l-passi proċedurali li għandhom jittieħdu mill-Aġenzija meta tirċievi applikazzjoni mingħand operatur ta' pajjiż terz soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat jew restrizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(9) Finalment, jeħtieġ li jsiru diversi emendi editorjali għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 452/2014, fosthom, biex jiġu aġġornati r-referenzi legali għar-Regolament (UE) 2018/1139. Barra minn hekk, qed jiġu proposti xi bidliet fid-definizzjonijiet għal raġunijiet ta' konsistenza mar-Regolament (UE) 2018/1139.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 452/2014 jiġi emendat skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 02/2022 ([4]), maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 75(2)(b) u (c), u mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 452/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikoli 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) li jkunu involuti f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru lejn it-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, kif ukoll fi ħdanu jew 'il barra minnu, inkluż il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, għaż-żamma, għall-emendar, għal-limitazzjoni, għas-sospensjoni jew għar-revoka tal-awtorizzazzjonijiet tagħhom, tal-privileġġi u tar-responsabbiltajiet tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet li skonthom l-operazzjonijiet għandhom jiġu pprojbiti, limitati jew soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet fl-interess tas-sikurezza.

([4]) L-Opinjoni Nru 02/2022 tal-EASA, Aġġornament tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 (ir-Regolament dwar l-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi (TCO) tal-25 ta' April 2022 (https://www.easa.europa.eu/en/document-library/opinions/opinion-no-022022).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "titjira" tfisser tluq minn ajrudrom speċifikat lejn ajrudrom speċifikat ta' destinazzjoni;

(2) "operatur ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe operatur li fir-rigward tiegħu l-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Istat tal-operatur ma jitwettqux minn Stat Membru jew mill-Aġenzija.

Artikolu 3

Awtorizzazzjonijiet

L-operaturi ta' pajjiżi terzi għandhom iwettqu biss operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru lejn territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, kif ukoll fi ħdanu jew 'il barra minnu, jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Anness 1 u jekk ikollhom awtorizzazzjoni maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.";

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

(2) L-Annessi 1 u 2 tar-Regolament (UE) Nru 452/2014 huma emendati kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

(1) L-Anness 1 huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima I hija emendata kif ġej:

(i) il-punt TCO.100 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"TCO.100 Ambitu

Dan l-Anness ("Parti-TCO") jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu segwiti minn operatur ta' pajjiż terz involut f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru lejn it-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu.";

(ii) il-punti TCO.105 u TCO.110 jitħassru.

(b) it-Taqsima II hija emendata kif ġej:

(i) fil-punt TCO.200, il-punti (a), (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jikkonforma:

(1) mal-istandards applikabbli fl-Annessi tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, b'mod partikolari l-Annessi 1 (Liċenzjar tal-Persunal), 2 (Regoli tal-Ajru), 6 (Operazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru), kif applikabbli, 8 (Ajrunavigabbiltà tal-Inġenji tal-Ajru), 18 (Merkanzija Perikoluża), u 19 (Ġestjoni tas-Sikurezza);

(2) mad-direttivi applikabbli dwar is-sikurezza maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 76(6) tar-Regolament (UE) 2018/1139;

(3) mar-rekwiżiti rilevanti tal-Parti-TCO; u

(4) mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 923/2012 (*).

(b) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jiżgura li inġenju tal-ajru operat lejn it-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu, jiġi operat f'konformità:

(1) maċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru (AOC — Air Operator Certificate) u mal-ispeċifikazzjonijiet assoċjati tal-operati f'konformità mal-Anness 6 tal-ICAO; u

(2) mal-awtorizzazzjoni ta' TCO maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-ambitu u l-privileġġi tiegħu.

(c) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jiżgura li inġenju tal-ajru operat lejn it-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu, ikollu ċertifikat tal-ajrunavigabbilità (ĊtA) maħruġ jew ivvalidat f'konformità mal-Anness 8 tal-ICAO:

(1) mill-Istat tar-reġistrazzjoni; jew

(2) mill-Istat tal-operatur ta' pajjiż terz, diment li l-Istat tal-operatur ta' pajjiż terz u l-Istat tar-reġistrazzjoni jkunu daħlu fi ftehim skont l-Artikolu 83bis tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jittrasferixxi r-responsabbiltà għall-ħruġ taċ-ĊtA.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1)";

(ii) fil-punt TCO.200, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), l-operatur ta' pajjiż terz għandu mingħajr dewmien jirrapporta lill-Aġenzija kwalunkwe aċċident kif definit fl-Anness 13 tal-ICAO, li jinvolvi inġenju tal-ajru użat skont l-AOC, inkluż dawk l-inġenji tal-ajru li mhumiex maħsuba biex jittajru fit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).";

(iii) il-punt TCO.205 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"TCO.205 Tagħmir tan-navigazzjoni, tal-komunikazzjoni u tas-sorveljanza

Meta jwettaq operazzjonijiet fi ħdan l-ispazju tal-ajru fuq it-territorju li għalih japplikaw it-Trattati, l-operatur ta' pajjiż terz għandu jgħammar u jopera l-inġenju tal-ajru tiegħu b'tali tagħmir tan-navigazzjoni, tal-komunikazzjoni u tas-sorveljanza kif meħtieġ f'dak l-ispazju tal-ajru.";

(iv) il-punt TCO.215 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"TCO.215 Produzzjoni ta' dokumentazzjoni, manwali u rekords

Fuq talba minn persuna awtorizzata mill-Aġenzija jew mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-inġenju tal-ajru operat minn operatur ta' pajjiż terz illandja, il-bdot fil-kmand ta' dak l-inġenju tal-ajru għandu, mingħajr dewmien, jippreżenta kwalunkwe dokumentazzjoni, manwali jew rekords li jkunu meħtieġa li jinġarru abbord.";

(c) it-Taqsima III hija emendata kif ġej:

(i) il-punt TCO.305 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"TCO.305 Titjiriet ta' notifika ta' darba

(a) B'deroga mill-punt TCO.300(a), operatur ta' pajjiż terz jista' jwettaq it-titjiriet li ġejjin fit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu, mingħajr ma l-ewwel jikseb awtorizzazzjoni:

(1) titjiriet li jsiru fl-interess pubbliku, sabiex tiġi indirizzata ħtieġa urġenti, bħal missjonijiet umanitarji u operazzjonijiet ta' għajnuna f'każ ta' diżastru;

(2) titjiriet ta' ambulanza tal-ajru li jsiru għaċ-ċaqliq ta' pazjenti morda jew midruba bejn il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jew għall-għoti tal-kura medika lill-pazjenti.

(b) Id-dispożizzjonijiet tal-punt (a) għandhom japplikaw biss jekk l-operatur ta' pajjiż terz:

(1) innotifika lill-Aġenzija qabel id-data maħsuba tal-ewwel titjira b'forma u b'mod stabbiliti mill-Aġenzija;

(2) ma jkunx soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005;

(3) ma jkunx soġġett għal sospensjoni jew revoka skont il-punt ART.235 tal-Anness 2;

(4) ma jkunx ġie soġġett għal rifjut ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' TCO skont il-punt ART.200 (e)(1) tal-Anness 2; u

(5) japplika għal awtorizzazzjoni skont il-punt TCO.300 fi żmien 14-il jum wara d-data ta' notifika lill-Aġenzija skont il-punt (b)(1) ta' hawn fuq.

(c) It-titjira/titjiriet speċifikati fin-notifika preskritta/i fil-punt (a) tista'/jistgħu ssir/jsiru għall-perjodu mitlub mill-operatur ta' pajjiż terz, iżda mhux itwal minn massimu ta' 12-il ġimgħa konsekuttiva wara d-data tan-notifika jew sakemm l-Aġenzija tkun ħadet deċiżjoni dwar l-applikazzjoni f'konformità mal-punt ART.200 tal-Parti-ART, skont liema waħda tkun l-ewwel.

(d) Notifika tista' titressaq biss darba kull 24 xahar mill-operatur ta' pajjiż terz.";

(ii) il-punt TCO.310 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"TCO.310 Privileġġi ta' detentur ta' awtorizzazzjoni

Il-privileġġi tal-operatur ta' pajjiż terz għandhom jiġu elenkati fl-awtorizzazzjoni u ma għandhomx jaqbżu l-privileġġi mogħtija mill-Istat tal-operatur ta' pajjiż terz.";

(iii) il-punt TCO.315 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"TCO.315 Bidliet

(a) Kwalunkwe bidla, għajr dawk miftiehma skont il-punt ART.210(c) tal-Anness 2, li taffettwa t-termini ta' awtorizzazzjoni għandha teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel mill-Aġenzija.

(b) L-operatur ta' pajjiż terz għandu jippreżenta l-applikazzjoni għal approvazzjoni minn qabel mill-Aġenzija mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-implimentazzjoni tal-bidla intenzjonata.

L-operatur ta' pajjiż terz għandu jipprovdi lill-Aġenzija bl-informazzjoni msemmija fil-punt TCO.300, ristretta sal-punt tal-bidla.

Wara preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal bidla, l-operatur ta' pajjiż terz għandu jopera taħt il-kundizzjonijiet preskritti mill-Aġenzija skont il-punt ART.225(b) tal-Anness 2.

(c) Il-bidliet kollha li ma jeħtiġux approvazzjoni minn qabel, kif miftiehem f'konformità mal-punt ART.210(c) tal-Anness 2, għandhom jiġu nnotifikati lill-Aġenzija qabel ma ssir il-bidla.";

(iv) fil-punt TCO.320, il-punt (a)(6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) l-operatur ta' pajjiż terz ikun kapaċi jissostanzja, fuq talba mill-Aġenzija, l-intenzjoni tiegħu li jkompli jwettaq operati skont l-awtorizzazzjoni ta' TCO tiegħu;";

(v) fil-punt TCO.320, jiżdied il-punt (a)(7):

"(7) l-operatur ta' pajjiż terz li jopera mill-inqas inġenju tal-ajru wieħed taħt l-awtorizzazzjoni ta' TCO tiegħu.";

(vi) fil-punt TCO.320, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Jekk l-awtorizzazzjoni ma tkunx għadha valida, l-operatur ta' pajjiż terz għandu jikseb awtorizzazzjoni ġdida mill-Aġenzija, qabel ma jerġa' jibda bl-operati lejn it-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu. L-operatur ta' pajjiż terz għandu japplika għall-awtorizzazzjoni l-ġdida b'forma u b'mod stabbiliti mill-Aġenzija u għandu jipprovdi kwalunkwe dokument meħtieġ biex jiġi ddeterminat li r-raġunijiet biex l-awtorizzazzjoni ma tkunx għadha valida ma għadhomx preżenti, u li l-operatur ta' pajjiż terz jikkonforma mar-rekwiżiti biex jikseb l-awtorizzazzjoni skont il-Parti-TCO.";

(2) l-Anness 2 huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima I hija emendata kif ġej:

(1) il-punt ART.105 jitħassar;

(a) fil-punt ART.110, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-Aġenzija għandha tinforma lill-Istati Membri dwar in-notifiki li rċeviet f'konformità mal-punt TCO.305 tal-Anness 1 mingħajr dewmien bla bżonn.";

(b) fil-punt ART.115, il-punti (a)(5), (a)(6) u (a)(7) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(5) miżuri ta' infurzar meħuda, inkluż multi mitluba mill-Aġenzija f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139;

(6) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 76(6) tar-Regolament (UE) 2018/1139; u

(7) l-użu ta' dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1139.";

(b) it-Taqsima II hija emendata kif ġej:

(i) fil-punt ART.200, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-Aġenzija għandha tlesti l-valutazzjoni inizjali fi żmien 30 jum wara li tkun irċeviet id-dokumenti meħtieġa kollha skont il-punt TCO.300(c) u (d) tal-Anness 1.

Meta l-valutazzjoni inizjali tkun teħtieġ valutazzjoni ulterjuri jew awditu, il-perjodu tal-valutazzjoni għandu jiġi estiż għad-durata tal-valutazzjoni ulterjuri jew l-awditu, kif ikun xieraq.";

(ii) fil-punt ART.200, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Meta l-operatur ta' pajjiż terz ma jipprovdix l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni f'konformità mal-punt TCO.300(c) u (d) tal-Anness 1 fiż-żmien stabbilit mill-Aġenzija, l-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tissospendi l-valutazzjoni tal-applikazzjoni sa meta tiġi pprovduta l-informazzjoni. F'dan il-każ, l-Aġenzija għandha tinforma lill-operatur ta' pajjiż terz bid-deċiżjoni tagħha.";

(iii) fil-punt ART.200, il-punt (e)(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) tirrifjuta l-applikazzjoni meta l-eżitu tal-valutazzjoni jindika li valutazzjoni ulterjuri mhix se tirriżulta fil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni; jew";

(iv) fil-punt ART.200, jiżdied il-punt (f):

"(f) Meta preċedentement applikazzjoni minn operatur ta' pajjiż terz tkun ġiet irrifjutata jew awtorizzazzjoni tkun ġiet irrevokata, l-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tistenna disa' xhur mid-data tar-revoka jew tar-rifjut qabel ma tibda tipproċessa l-applikazzjoni l-ġdida.";".

(v) fil-punt ART.205, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Malli tirċievi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni mingħand operatur ta' pajjiż terz soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat jew restrizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, l-Aġenzija għandha tqis l-ambitu tal-projbizzjoni sabiex tiddefinixxi l-proċedura ta' valutazzjoni rilevanti, kif deskritt fil-punt ART.200. Meta l-operatur ta' pajjiż terz ikun soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat li tkopri l-ambitu sħiħ tal-operat tiegħu, il-valutazzjoni għandha tinkludi awditu tal-operatur ta' pajjiż terz.";

(vi) fil-punt ART.205, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) L-Aġenzija għandha twettaq awditu biss jekk:

(1) l-operatur ta' pajjiż terz jaqbel li jiġi awditjat;

(2) l-eżitu tal-proċedura tal-evalwazzjoni inizjali msemmija fil-punt ART.200 jindika li hemm possibbiltà li l-awditu jkollu riżultat pożittiv; u

(3) l-awditu jista' jitwettaq fil-faċilitajiet tal-operatur ta' pajjiż terz mingħajr ir-riskju li tiġi kompromessa s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal tal-Aġenzija.";

(vii) fil-punt ART.210(a), il-kliem introduttiv huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-Aġenzija għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni, meta:";

(viii) fil-punt ART.210, il-punt (a)(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) ma hemm l-ebda evidenza ta' nuqqasijiet kbar fil-kapaċità tal-Istat tal-operatur ta' pajjiż terz jew tal-Istat tar-reġistrazzjoni, kif applikabbli, li jiċċertifika u li jissorvelja lill-operatur ta' pajjiż terz u/jew inġenju tal-ajru f'konformità mal-istandards applikabbli tal-ICAO;";

(ix) fil-punt ART.210, il-punt (a)(5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(5) l-applikant ma jkunx soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005; u";

(x) fil-punt ART.210, jiżdied il-punt (a)(6):

"(6) kwalunkwe sejba ta' nuqqas ta' konformità li toħroġ waqt il-valutazzjoni tkun ingħalqet.";

(xi) fil-punt ART.210, il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) L-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ għal durata mhux limitata.

L-Aġenzija għandha tispeċifika l-privileġġi u l-ambitu tal-attivitajiet li l-operatur ta' pajjiż terz huwa awtorizzat li jwettaq.

(c) L-Aġenzija għandha taqbel mal-operatur ta' pajjiż terz dwar l-ambitu tal-bidliet fl-obbligi tal-operatur ta' pajjiż terz li ma jkunux jeħtieġu xi approvazzjoni minn qabel, filwaqt li jitqiesu d-daqs, it-tip u l-kumplessità tal-operat.";

(xii) fil-punt ART.215, il-punt (a)(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) jekk applikabbli, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 76(6) tar-Regolament (UE) 2018/1139.";

(xiii) fil-punt ART.215, il-punt (b)(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) tqis id-deċiżjonijiet u l-investigazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jew il-konsultazzjonijiet konġunti skont ir-Regolament (KE) Nru 473/2006;";

(xiv) fil-punt ART.215, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Meta, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ikun hemm suspett li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operatur ta' pajjiż terz u/jew il-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-Istat tal-operat jew tal-Istat tar-reġistrazzjoni naqqsu għal taħt il-livell tal-istandards applikabbli fl-Annessi tal-Konvenzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, l-Aġenzija għandha twettaq sorveljanza intensifikata tal-operatur ta' pajjiż terz affettwat. L-Aġenzija għandha tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiżgura li l-operat intenzjonat tal-operatur ta' pajjiż terz jitwettaq f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-TCO. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu:

(1) awditu tal-operatur ta' pajjiż terz f'konformità mal-punt ART.205(d);

(2) rekwiżit għall-operatur ta' pajjiż terz biex jippreżentaw rapporti jew informazzjoni teknika mfassla apposta lill-Aġenzija f'intervalli regolari;

(3) limitazzjoni temporanja tal-operat għall-flotta attwali tal-operatur ta' pajjiż terz u/jew tal-ambitu tal-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru, lejn it-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fi ħdanu jew 'il barra minnu.";

(xv) fil-punt ART.220, jiżdied il-punt (e):

"(e) Meta tiddetermina l-intervall tar-rieżami, l-Aġenzija għandha tqis id-daqs, it-tip u l-kumplessità tal-operat, l-informazzjoni disponibbli dwar l-għadd ta' titjiriet imwettqa taħt l-awtorizzazzjoni ta' TCO, u l-elementi rilevanti msemmija fil-punt ART.200(c).";

(xvi) fil-punt ART.230, il-punti (b), (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) Sejba tal-livell 1 għandha tinħareġ mill-Aġenzija meta jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-Parti-TCO, jew mat-termini tal-awtorizzazzjoni li jnaqqas is-sikurezza jew li jipperikola b'mod serju s-sikurezza tat-titjira.

Is-sejbiet tal-livell 1 għandhom jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(1) nuqqas ta' għoti ta' aċċess lill-Aġenzija għall-faċilitajiet tal-operatur ta' pajjiż terz kif definit fil-punt TCO.115(b) tal-Anness 1 matul is-sigħat normali tal-operat u wara talba bil-miktub;

(2) implimentazzjoni ta' bidliet li jkunu jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mingħajr ma tkun ingħatat approvazzjoni kif definit fil-punt ART.210;

(3) ksib jew żamma tal-validità tal-awtorizzazzjoni permezz ta' falsifikazzjoni ta' evidenza dokumentarja;

(4) evidenza ta' malprassi jew użu frawdolenti tal-awtorizzazzjoni;

(5) preżenza ta' diversi sejbiet tal-livell 2 matul valutazzjoni, li tindika dgħufija sistemika li tnaqqas is-sikurezza jew li tipperikola b'mod serju s-sikurezza tat-titjira.

(c) Sejba tal-livell 2 għandha tinħareġ mill-Aġenzija meta jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-Parti-TCO, jew mat-termini tal-awtorizzazzjoni li jista' jnaqqas is-sikurezza jew li jipperikola b'mod serju s-sikurezza tat-titjira.

(d) Meta sejba tiġi identifikata waqt monitoraġġ, l-Aġenzija għandha, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni addizzjonali meħtieġa mir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, tikkomunika s-sejba lill-operatur ta' pajjiż terz bil-miktub u titlob azzjoni korrettiva biex tiġi eliminata jew immitigata l-kawża ewlenija sabiex tipprevjeni r-rikorrenza tan-nuqqas(ijiet) ta' konformità identifikata/i.";

(xvii) fil-punt ART.230, il-punt (e)(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) tivvaluta l-pjan ta' azzjoni korrettiva u ta' implimentazzjoni propost mill-operatur ta' pajjiż terz. Jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li fih analiżi tal-kawża/i ewlenija/ewlenin u azzjoni(jiet) biex b'mod effettiv tiġi/jiġu eliminata/i jew immitigata/i l-kawża/i ewlenija/ewlenin sabiex tipprevjeni r-rikorrenza tan-nuqqas(ijiet) ta' konformità, il-pjan ta' azzjoni korrettiva u ta' implimentazzjoni għandu jiġi aċċettat.

Jekk l-operatur ta' pajjiż terz jonqos milli jippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva aċċettabbli, kif imsemmi f'(e)(1), jew milli jieħu l-azzjoni korrettiva fil-perjodu ta' żmien aċċettat jew estiż mill-Aġenzija, is-sejba għandha togħla għal sejba tal-livell 1 u għandha tittieħed azzjoni kif stabbilit fil-punt ART.235(a).";

(xviii) fil-punt ART.235, il-punti (b), (c), (d) u (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) Il-limitazzjoni jew is-sospensjoni għandha titneħħa meta l-Aġenzija tkun issodisfata li tkun ittieħdet azzjoni korrettiva ta' suċċess mill-operatur ta' pajjiż terz u/jew mill-Istat tal-operatur jew mill-Istat tar-reġistrazzjoni, kif ikun applikabbli.

(c) Meta tqis it-tneħħija ta' sospensjoni, l-Aġenzija għandha tqis li twettaq awditu tal-operatur ta' pajjiż terz meta l-kundizzjonijiet fil-punt ART.205(c) ikunu ssodisfati. F'każ li s-sospensjoni tkun dovuta għal nuqqasijiet kbar fis-sorveljanza tal-applikant mill-Istat tal-operatur jew mill-Istat tar-reġistrazzjoni, kif applikabbli, l-awditu jista' jinkludi valutazzjoni bl-għan li jiġi vverifikat jekk dawn in-nuqqasijiet fis-sorveljanza ġewx ikkoreġuti.

(d) L-Aġenzija tista' tirrevoka l-awtorizzazzjoni meta, wara sospensjoni, l-operatur ta' pajjiż terz u/jew l-Istat tal-operatur jew l-Istat tar-reġistrazzjoni, kif applikabbli, ma jkunux ħadu azzjoni korrettiva ta' suċċess fi żmien perjodu massimu ta' 12-il xahar.

(e) L-Aġenzija għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni meta l-operatur ta' pajjiż terz jiġi soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.";

(xix) jiżdied il-punt ART.240 li ġej:

"ART.240 Validità tal-awtorizzazzjoni

(a) Meta detentur ta' awtorizzazzjoni ta' TCO ma jikkonformax iktar mar-rekwiżiti għal validità kontinwa tal-punt TCO.320 tal-Anness 1, l-Aġenzija għandha tinforma lill-operatur ta' pajjiż terz u lill-Istati Membri li l-awtorizzazzjoni ta' TCO tilfet il-validità tagħha.

(b) Malli tirċievi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ġdida wara li l-awtorizzazzjoni preċedenti tkun saret mhux valida, l-Aġenzija għandha twettaq valutazzjoni kif meħtieġ biex tiżgura li l-operat intenzjonat jitwettaq f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-TCO.";

(xx) jiżdied il-punt ART.245 li ġej:

"ART.245 Titjiriet ta' notifika ta' darba

Malli tirċievi notifika mill-operatur ta' pajjiż terz skont il-punt TCO.305 tal-Anness 1, l-Aġenzija għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt TCO.305 tal-Anness 1 ġewx issodisfati.

Meta l-Aġenzija ssib li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt TCO.305 tal-Anness 1 ma ġewx issodisfati, l-Aġenzija għandha tinforma lill-operatur ta' pajjiż terz u lill-Istat(i) Membru/i affettwat(i) b'dan.".